MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru. 43/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**
**KONTRA**

**LAWRENCE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Lawrence Borg ta' 54 sena, bin Emanuel u Rosaria nee' Aquilina, mwieled il- Gharghur fit- 18 ta' Settembru 1957, residenti 14, St. Anna, Triq Karmnu Zarb, Gharghur u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 0640657M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fis- snin 2007 u 2008 f’ dawn il- Gzejjer b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) B’ mezzi kontra l- Liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’ oħra sabiex iġiegħel titwemmen l- eżistenza ta’ intrapiżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ aktar minn €2,329.37 għad- dannu ta’ Peak Insurance Agency Limited u Gasan Mamo Insurance Limited;

2) U aktar talli fl- istess dati, ħin u lokalitajiet iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista’ jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta’ oġġetti, jew jiġbor depożitu jew raħan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’ att pubbliku tal- Gvern;

3) U aktar talli fl- istess dati, ħin u lokalitajiet għamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat f’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi ħalaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi f’ dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4) U aktar talli, fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi xjentement għamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5) U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f’ xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

6) U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

7) Talli fl- 24 ta' Ottubru 2008 f' garaxx fi Triq il-Balal limiti tan- Naxxar u fix- xhur ta' qabel gesta attivita' kummercjali u cioe' ta' bejjiegh tal- vetturi bil- mutur minghajr il- permess tal- Awtorita' Kompetenti;

8) Talli fl- istess data, hin, u lokalita' minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija zamm arma tan- nar u munizzjon;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami kienu s-segwenti. L-imputat Lawrence Borg u Randolph Baldacchino, li t-tnejn kienu ko-imputati f'din il-kawza, tressqu mill-Pulizija fuq akkuzi ta' frodi, ta' falsifikazzjoni, u ta' misapproprjazzjoni. Fil-bidu ta' dawn il-proceduri, huma kienu ko-imputati, izda fil-mori tal-istess proceduri, l-Avukat Generali ghazel li fil-kaz ta' Baldacchino tinhareg in-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju quddiem din il-Qorti, fil-waqt li tissokta l-kumpilazzjoni tal-atti fil-konfront ta' Borg. Filwaqt li nghatat sentenza fil-konfront ta' Baldacchino, liema sentenza ghaddiet in gudikat, fil-konfront ta' Borg din il-kawza issa inghalqet ukoll, u s-smigh tal-provi gie konkluz, biex b'hekk il-Qorti tista' taghti sentenza f'din il-kawza wkoll.

Fil-mertu tal-kaz, huma kienu holqu skema fejn l-imputat Borg, li kien qed jagixxi bhala "auto dealer", kien qed jinghata dak li kien jidher bhala certifikat ta' polza tal-

assikurazzjoni minn Baldacchino sabiex l-imputat imur biha u jirregistra mal-ADT l-vetturi li kien jixtri fuq ismu, minghajr, izda, ma jhallas ghal polza proprja ta' assikurazzjoni. Dan kien qed isir biex l-imputat Borg ma jkollux ghalfejn ihallas ghal polza kif suppost, izda jhallas lil Baldacchino ammont zghir ta' flus ghal kull certifikat. Ghalhekk, Baldacchino, li kien jahdem bhala agent ghal Gasan Mamo, kien johrog certifikati tal-assikurazzjoni minghajr ma jircievi hlas fuqhom, u jghaddi kopja lill-ADT sabiex il-vetturi jigu registrati fuq isem Borg. B'dan il-mod, Borg kien qed jiffranka li jhallas ghal kull polza tal-assikurazzjoni ghal kull vettura li kien hekk jirregistra, u Baldacchino kien qed jiehu somma flus minn ghand Borg ghal kull certifikat hekk mahrug. L-arrangament kien jippresumi ukoll li l-vetturi hekk registrati fuq Borg ma kienux ser jinstaqu fit-triq sa ma jigu mixtrija b'mod legittimu minn terz, u dan sabiex ma jkunx hemm vetturi fit-triq minghajr polza tal-assikurazzjoni valida.

Din l-iskema baqghet ghaddejja ghal xi zmien, sakemm gara incident stradali b'wahda minn dawn il-vetturi. Meta gie vverifikat jekk il-vettura kellhiex polza mahruga jew le, irrisulta li l-kopja tac-certifikat fil-pussess tal-ADT kienet mahruga minn Baldacchino, izda ma kienetx moghtija lis-socjeta' assikuratrici Gasan Mamo. Mill-investigazzjoni li saret, irrisultat din l-iskema kollha taz-zewg imputati.

Illi mil-provi prodotti rrisulta ampjament ippruvat li Baldacchino kien lahaq ftehim ma' Lawrence Borg biex il-vetturi li kien jixtri u jbiegh Borg kienu jigu registrati mal-ADT minghajr ma tithallas il-polza ta' assikurazzjoni ghal kull vettura. Ghalhekk, huma kienu ftiehemu biex Baldacchino jimla poloz ta' assikurazzjoni ghall-ko-imputat l-iehor, Lawrence Borg, fuq formoli li ma kienux ghadhom jintuzaw u li kienu jimtlew bl-idejn. L-imputat Baldacchino kien ighaddi kopja lill-ADT biex isir transfer ta' vettura minn sidha originali ghal fuq Borg, izda fil-verita' s-socjeta' assikuratrici ma kienet tkun taf b'xejn, u allura l-vettura ma kienetx tkun assikurata. Il-formola tal-assikurazzjoni kienet wahda fittizja, ghax kienet intuzat formola antika maqtugha minn ktejjeb mimli formoli identici, fejn kull folja jkollha speci ta' karta sahhara maghha u jimtlew tlitt kopji

f'daqqa, kull kopja tkun fuq karta kulur differenti. Sussegwentement, din is-sistema inbidlet minn Gasan Mamo, u kienet giet mibdula ghal formola ohra mahruga direttament minn "computer", izda l-ADT xorta kienet qed tirregistra t-transfer relattiv, ghax ma kienetx taf li dik il-formola ma kienetx wahda valida. Sussegwentement, meta l-vettura kienet terga' tinbiegh lil terz, hemmhekk kien isir transfer validu u polza valida. Ghalhekk, l-ideja li kellhom l-imputati f' din il-kawza kienet li, fil-mument bejn ix-xiri tal-vettura minn Borg sal-eventwali bejgh taghha, kien jinhareg certifikat tal-polza tal-assikurazzjoni fuq formoli antiki ta' Gasan Mamo, jinghataw kopja lill-ADT, izda l-vettura ma jkollhiex polza valida. Dan kien isir biex, fi kliem Baldacchino, Borg kien jiffranka l-flus li kien ikollu jhallas kull darba li jrid jirregistra l-vettura fuq ismu u jaghmel polza gdida kull darba, u Baldacchino kien jithallas xi haga zghira minn Borg fuq kull polza fittizja.

Ghalhekk, l-imputazzjoni ta' frodi hija ampjament ippruvata, bhal ma giet ukoll ippruvata l-imputazzjoni ta' dikjarazzjoni falza, ai termini tal-artikoli 308 u 188 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rigward l-imputazzjonijiet l-ohra, li essenzjalment jirrigwardaw il-falsifikazzjoni u l-uzu ta' dokument iffalsifikat, dawn ma rrisultawx. Fil-fehma tal-Qorti, l-uzu ta' formola skaduta ta' polza tal-assikurazzjoni ma twassalx ghall-imputazzjoni ta' falsifikazzjoni. Li kieku rrisulta mill-provi li l-imputat irnexxielu jistampa l-formoli hu, allura hemmhekk kienet tkun ippruvata l-falsifikazzjoni. Il-fatt biss li l-imputat uza dokumenti maghmula tajjeb u b'mod legittimu izda llum skaduti ma twassalx ghal htija fuq falsifikazzjoni. Bl-istess mod ghandu jinghad ghall-imputazzjoni ta' uzu ta' dokument iffalsifikat. Ladarba ma tirrisultax l-imputazzjoni ta' falsifikazzjoni, l-anqas ma tista' tirrisulta dik ta' uzu ta' dokument iffalsifikat. Madankollu, huwa minnu li Borg ghamel uzu minn dak id-dokument sabiex jaghmel dikjarazzjoni li kienet falza ghall-ADT, peress illi ma kien hemm ebda polza valida mahruga f'ismu.

In difesa, l-imputat qal li ma kienx jaf li Baldacchino ma kienx qed jaghtih polza valida u korretta. Hu jghid li lil Baldacchino kien ihallsu ammonti differenti ghal kull

vettura li jaghmel it-transfer fuqha, u kien jaf li kull vettura kellha tinzamm f'garaxx u ma tinstaqx fit-triq. Bid-dovut rispett ghall-imputat, il-Qorti ma tarax li hu kredibbli f'dan, bl-aktar mod assolut. L-ewwel nett, hu stess ammetta li kien qed jaghmilha ta' "auto dealer" minghajr il-permessi relattivi, ghax kien applika ghal licenzja xi zmien fl-2005, izda f'temp ta' sentejn kellu madwar 270 vettura suppost irregistrati f'ismu mal-ADT. Jidher li l-imputat kien jaf ezatt x'inhu jaghmel, biex jiffranka li jhallas il-polza proprja fuq kull vettura. L-istqarrija tieghu a fol. 22 u 23 tal-process huma prova ta' dan. Ghalkemm ma jammettix li kien jaf, jidher li hu kien konxju li qed jiffranka l-flus b'mod illegittimu.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet ta' pussess ta' arma minghajr licenzja u ghall-attivita' ta' bejjiegh tal-vetturi minghajr il-permess tal-|Awtorita' kompetenti, huma ammessi minnu fix-xhieda tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 308, 309, 310 (1) (a), 183, 184, 188, 189, 17, 18, 23, 31, 533 tal- Kapitolu 9,
l-Artikoli 5 (1), 51 (2) tal-Kap 480,
ir-Regolamenti 5 u 53 tal- Avviz Legali 1 tas- sena 2006,
u l- Artikolu 29 tal- Kapitolu 441 tal- Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lawrence Borg hati tal-ewwel (1), il-hames (5), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni, u tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur sospizi ghal sentejn, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibux hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), u s-sitt (6) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------